MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2025

Appell Inferjuri Numru 33/2024 LM

**Let's Sell More**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Mohazin Nellikkavil Maliyakkal**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Mohazin Nellikkavil Maliyakkal (Karta ta' Permess ta' Residenza Numru 244246A)**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fid-19 ta' April, 2024 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni

appellate], li ddeċiieda t-talbiet tar-rikorrenti **Let's Sell More** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'] fil-konfront tal-intimat, kif ġej:

> *"Għaldaqstant it-Tribunal Industrijali fir-rigward tal-każ: 4133 fil-Kwistjoni tax-Xogħol bejn Let's Sell More u Mohazin Nillikkavil Maliyakkal dwar ksur ta' kuntratt b'impieg in linea mal-Art. 36(1) Kap. 452:*
>
> *Isib illi Mohazin Nellikavil Maliyakkal kiser il-kuntratt tal-impjieg definit meta irriżenja mix-xogħol qabel l-iskadenza tat-terminu tal-kuntratt u konsegwentement qed jordna lil Mohazin Nellikavil Maliyakkal sabiex iħallas is-somma ta' sebat elef, mija u sebgħa u tmenin euro (7,187 euro) lil Let's Sell More fi żmien sitt (6) xhur mid-data ta' llum.*
>
> *B'hekk tintemm din it-tilwima tax-xogħol."*

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrenti spjegat li l-intimat kien jaħdem magħha *ai termini* ta' kuntratt definit bejn il-partijiet, liema kuntratt kien jiskadi fl-14 ta' Diċembru, 2023. Spjegat li fit-23 ta' Novembru, 2022 l-intimat irriżenja mil-impjieg magħha u ttermina l-impjieg tiegħu mingħajr ebda raġuni valida skont il-liġi, jiġifieri tnax-il xahar qabel l-iskadenza tat-terminu tal-imsemmi kuntratt ta' impjieg kif kien miftiehem bejn il-partijiet. Ir-rikorrenti qalet ukoll li l-intimat abbanduna l-impjieg tiegħu, u ma teżisti l-ebda raġuni valida skont il-liġi li tiġġustifika l-abbandun qabel iż-żmien. Qalet li skont il-kuntratt tal-impjieg li kellu l-intimat, jekk l-impjieg tiegħu jiġi tterminat qabel iż-żmien mill-impjegat, l-impjegat kellu jħallas somma li tammonta għal nofs is-salarju li l-impjegat ikun intitolat għalih li kieku baqa' fl-impjieg għal perijodu definit miftiehem fil-kuntratt, u dan in linea mal-artikolu 36(12) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti spjegat li hija interpellat lill-intimat sabiex jersaq għall-ħlas tas-somma dovuta lilha ammontanti għal sebat elef, mija u sebgħa u tmenin Euro (€7,187) permezz ta'

ittra legali, imma l-intimat baqa' inadempjenti. Ir-rikorrenti spjegat li hija għaldaqstant, resqet quddiem it-Tribunal sabiex dan jiddikjara li l-intimat qabad u abbanduna l-impjieg tiegħu magħha mingħajr ebda raġuni valida, qabel it-terminu miftiehem, u dan bi ksur tal-kuntratt ta' impjieg bejn il-partijiet, kif ukoll sabiex it-Tribunal jikkundanna lill-intimat iħallasha s-somma ta' sebat elef, mija u sebgħa u tmenin Euro (€7,187) *ai termini* tal-kuntratt u in linea mal-artikolu 36(12) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. L-intimat wieġeb billi fl-ewwel lok irrileva li hemm kontradizzjoni fir-rikors tar-rikorrenti, fejn filwaqt li din qiegħda titlob lit-Tribunal jiddikjara li l-intimat abbanduna l-impjieg tiegħu, fl-istess nifs tgħid li l-intimat irriżenja mill-impjieg. L-intimat qal li kuntrarjament għal dak li tgħid ir-rikorrenti, għandu jirriżulta li huwa kellu raġuni valida sabiex itemm l-impjieg tiegħu, u dan għaliex huwa kien suġġett għal trattament u kundizzjonijiet tax-xogħol għal kollox differenti minn dawk tal-kollegi tiegħu; kien soġġett għal aġir intimidatorju u theddid mis-superjuri tiegħu; u r-rikorrenti kienet konsapevoli ta' dan kollu, u m'għamlet xejn sabiex tissalvagwardja u tipproteġi lill-intimat bħala impjegat tagħha. Qal li b'żieda ma' dan, kienet ir-rikorrenti li ordnatlu ma jattendix aktar fl-istabbiliment fejn kien assenjat, mingħajr ebda raġuni valida. L-intimat kompla jgħid li b'mod strateġiku, unilaterali u abbużiv, ir-rikorrenti assenjatu *f'winery,* sabiex jagħmel xogħol li jmur lil hinn minn dak maqbul bejn il-partijiet, u dan meta r-rikorrenti kienet ben konxja li l-intimat iħaddan twemmin reliġjuż li ma jippermettilux jaħdem *f'winery.* L-intimat qal li għalhekk 23 ta' Novembru, 2022 huwa ma kellu ebda għażla għajr li jirriżenja formalment mill-impjieg li kellu permezz ta' ittra elettronika fejn huwa spjega r-raġunijiet għar-riżenja tiegħu. Qal ukoll li huwa kellu raġuni valida u ġusta sabiex jittermina l-kuntratt ta'

impjieg tiegħu *ai termini* tal-artikolu 36(14) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk l-ebda somma m'hija dovuta lir-rikorrenti. Qal li fi kwalunkwe każ, is-somma pretiża hija eċċessiva.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

4. It-Tribunal, permezz tad-deċiżjoni appellata, iddeċieda li l-intimat kiser il-kuntratt ta' impjieg definit meta irriżenja mill-impjieg qabel l-iskadenza tal-kuntratt, u għalhekk ikkundannah iħallas l-ammont ta' €7,187 lir-rikorrentin fi żmien sitt xhur mid-data tad-deċiżjoni, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "***KUNSIDERAZZJONIJIET***
>
> *It-Tribunal analizza sew il-fatti kif joħorġu mill-provi. Xtarr bir-reqqa d-dokumentazzjoni u x-xhieda kollha kif prodotta kif ukoll is-sottomissjonijiet u trattazzjonijiet tal-partijiet.*
>
> *Fil-każ odjern, is-soċjetà rikorrenti Let's Sell More qed titlob lit-Tribunal jiddikjara lil Mohazin Nellikavid Maliyakkal kiser il-kuntratt tal-impjieg definit u għaldaqstant għandu jiġi ordnat iħallas nofs is-salarju għal perijodu li kien jonqos għad-data tat-terminazzjoni tal-kuntratt.*
>
> *Mill-banda l-oħra, l-intimat sostna illi huwa ma kienx kiser il-kuntratt tal-impjieg definit tiegħu imma kuntrarjament għal dak sostnut mir-rikorrenti kienu r-rikorrenti stess li kisru l-kuntratt tal-impjieg u poġġewh f'sitwazzjoni fejn ma kellu ebda triq oħra ħlief li jirriżenja qabel iż-żmien. Fil-fatt l-intimat fil-każ odjern intavola rikors promotorju f'dan is-sens, Każ Nru.* (sic!)
>
> *Għaldaqstant hawnhekk għandna quddiemna żewġ każijiet konnessi u relatati fejn fl-ewwel każ l-*employer *qed jagħmel talba sabiex it-Tribunal isib li l-impjegat kiser kuntratt ta' xogħol definit billi abbanduna l-impjieg u mill-banda l-oħra fit-tieni każ għandna l-impjegat li qed isostni illi t-terminazzjoni tiegħu kienet furzata in kwantu tammonta għal* constructive dismissal.

*Kien għalhekk illi t-Tribunal ordna illi dawn iż-żewġ każijiet jinstemgħu flimkien sabiex tiġi evitata ċirkostanza li jingħataw żewġ deċiżjonijiet kontradittorji stante illi t-talbiet taż-żewġ każijiet huma "*mutually exclusive".

*It-Tribunal analizza bir-reqqa l-*employer-employee relationship *bejn iż-żewġ partijiet, il-perkors ossia l-iter kollu ta' din ir-relazzjoni biex jasal jifhem iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u allura jkun jista' jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-kuntratt tal-impjieg min-naħa tal-ħaddiem jew inkella kienx hemm* constructive dismissal *u allura ksur tal-kuntratt tal-impjieg min-naħa tal-*employer*.*

*F'dan ir-rigward, it-Tribunal jagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Rik. Nru. 83/2019) fl-ismijiet Roderick Azzopardi kontra Malta Public Transport Services (Operations) Ltd fejn dik l-Onorabbli Qorti tiddeskrivi* 'constructive dismissal' *bħala sitwazzjoni fejn il-ħaddiem jiġi mġiegħel jew kostrett li jirriżenja mill-impjieg kontra r-rieda tiegħu.*

*Għalhekk sabiex jasal għal tali konklużjoni t-Tribunal irid iħares lejn diversi ċirkostanzi biex:*

*a. Jara x'kienu r-raġunijiet li wasslu għar-riżenja;*
*b. Jara jekk ir-riżenja kinitx direttament marbuta mar-raġunijiet li għamlu l-ħajja tal-ħaddiem fuq il-post tax-xogħol insopportabbli;*
*c. Jevalwa jekk dawn ir-raġunijiet kinux serji biżżejjed li nkiser parti fundamentali tal-kuntratt tax-xogħol;*
*d. Jevalwa jekk kienx hemm proċess fejn il-ħaddiem poġġa l-ilmenti tiegħu quddiem is-superjuri tiegħu biex ikunu riżolti l-istess ilmenti;*
*e. Jevalwa jekk il-*management *ħadux l-ilmenti bis-serjetà u jekk għamlux ħilithom biex ikunu riżolti b'mod ġust;*
*f. Jittawwal lejn iż-żmien li għadda bejn meta l-ilment ġie għad-deher tal-*management *u l-azzjoni tar-riżenja, jiġifieri kemm l-effett tar-riżenja kien konsegwenza tal-kawża tal-ilment mhux mismugħ;*
*g. Jissendika l-ittra tar-riżenja u jara l-konsistenza jew in-nuqqas tagħha bejn dak li hu miktub u r-raġunijiet miġjuba għar-riżenja.*

*Meta wieħed janalizza l-kondottta lavorattiva ta' Mohazin Nellikavil Maliyakkal ma' Let's Sell More isib illi dan mill-ewwel beda fuq sieq ħażina. L-ewwel xogħol li ġie assenjat fuqu kien mal-PAVI u minn hawn kellu jitneħħa għaliex il-PAVI ma kinux kuntenti bl-operat tiegħu. Skont l-affidavit ta' Tiziana Farrugia (Cash Manager PAVI Supermarket (Qormi), fost affarijiet oħra tgħid:*

"The cashiers are allowed two breaks during their work shift and the breaks are taken during different times and in the order according to the duty rosters. On the 13th of

November, 2022, a supervisor brought to my attention the behaviour and attitude of Mr Maliyakkal: "… on the 14th of November, I emailed the Agency, stating that his behaviour is unacceptable that we no longer wanted the respondent to work in our Supermarket and that the following day, the 15th of November, 2022, would be his last year *(sic)* at PAVI."

*Tiziana Farrguia tikkonkudi l-affidavit tagħha b'dan il-mod – "*I must state that due to widely diverse background of our employees, we are very aware of their different cultures and beliefs and we take particular care not to make our employees perform tasks or duties which might be contrary to their culture or beliefs."

*Wara dan l-episodju, l-aġenzija Let's Sell More offriet lir-rikorrenti post ma' Delicata Winery, iżda r-rikorrenti rrifjuta li jaħdem hemm minħabba li t-twemmin reliġjuż tiegħu ma jippermettilux jagħmel dak it-tip ta' xogħol. Hawnhekk l-Aġenzija rrispettat it-talba tar-rikorrent imbagħad offrietlu li jaħdem mal-Merlin Ltd iżda din tal-aħħar iddeċidiet li s-Sur Mariyakkal ma kienx persuna kkwalifikata għal dak ix-xogħol.*

*Sussegwentement, l-aġenzija offriet lis-Sur Mariyakkal xogħol mal-Atrium. Huwa ġie infurmat, skont ix-xhieda tas-Sur Daniel Coppini (proprjetarju Let's Sell More), meta qal, "*We sent him to the Atrium in writing on the 23rd at 9.37. We told him, "look, you have another job waiting. Possibly, he did not read it or he read it, I don't know ... it was a good job, by the time he resigned."

*Is-Sur Daniel Coppini, ikompli hekk fix-xhieda tiegħu – "*as soon as the resignation came in, after all we went through, we simply said 'no', this case is not going to go away … away with nothing, there's no way. The man has a definite contract, it goes till November, there's eleven months left, there's thousands of Euros in the balance, we have to come into an agreement. He was not interested, so I took him to court."

*Min-naħa tiegħu Mohazin Nellikavil Maliyakkal ipoġġi bħala raġuni prinċipali għar-riżenja tiegħu s-segwenti raġunijiet – hekk skont affidavit tiegħu (Dokument MM1):*

"I was subsequently told to attend a meeting on the 15/11/2022 at Let's Sell More offices with Mr. Daniel Coppini and Ms. Rita Jenkas Fokum. "I was unjustly exposed to degrading treatment from both Mr Coppini and Ms Jenkas Fokum during the meeting … Mr Coppini adopted a very hostile, aggressive, and condescending tone throughout. He told me that he had heard things about me. He accused me of causing trouble and trying to be a hero … he told me that I should have informed "Let's Sell More" of the problems I was having at the workplace … After the meeting, I was forced to sign a formal written warning.

… It was clear to me that the behaviour of Let's Sell More was incredibly unprofessional, offensive, and clearly a serious breach on their part. It was obvious that I could no longer work for "Let's Sell More", at all because their behaviour towards me made it impossible for me to do so. For this reason, I sent my formal resignation to Mr Coppini on the 23/11/2022. …

The entity "Let's Sell More" then issued an invoice against me for 8480 euros and 66 cents, which they claimed I was liable to pay to them for breaching my contract by resigning before the lapse of the contract."

*Wara dak kollu li ġara, jidher ċar li Mohazin Nellikavil Maliyakkal kien diġà ddeċieda li jirriżenja qabel il-*meeting *mas-Sur Coppini. Huwa minnu illi waqt dan il-*meeting *intqal diskors mhux denju lis-Sur Maliyakkal u li kieku ma kienx hemm iċ-ċirkostanzi l-oħra tal-każ setgħu jimmilitaw favur it-teżi tiegħu ta'* constructive dismissal*. Madanakollu, meta wieħed jikkonsidra ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ wieħed jifhem illi Let's Sell More bħala* employer *ippruvat tagħmel ħilitha sabiex toffri xogħol adattat għas-Sur Maliyakkal. Tant hu hekk, illi wara illi l-PAVI ma riduhx jaħdem hemm, Let's Sell More ippruvat issiblu impjiegi oħra. Filwaqt illi s-Sur Maliyakkal kien sfortunat illi ma setax jaħdem ma' Delicata Winery minħabba t-twemmin tiegħu u ma' Merlin Limited minħabba li skont dik is-soċjetà ma kienx kwalifikat, ma kien hemm xejn xi jżommu milli jibda jaħdem mal-Atrium kieku ta ċ-ċans li jsir dan.*

*Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi kollha, dan it-Tribunal huwa konvint illi s-soċjetà Let's Sell More ippruvat minn kollox sabiex tagħti xogħol adegwat lis-Sur Maliyakkal. Min-naħa l-oħra, jidher evidenti ili s-Sur Mohazin Nellikavil Maliyakkal ma tantx kellu xi ħeġġa biex jippresta x-xogħol tiegħu kif fuq kollox kien intrabat li jagħmel bil-kuntratt definit ta' xogħol li ffirma ma' Let's Sell More.*

*Il-ġurisprudenza kemm tat-Tribunal Industrijali, u wisq aktar tal-Qrati Superjuri tgħallimna illi sabiex jissussisti* constructive dismissal *l-impjegat irid ikun ġie imġiegħel jew inkella kostrett minn ċirkostanzi serji attribwibbli lill-*employer *sabiex jirriżenja mill-impjieg. Dan ma ġarax fil-każ tas-Sur Mohazin Nellikavil Maliyakkal. Anzi, jidher biċ-ċar illi s-Sur Maliyakkal ma apprezzax l-isforzi tal-*employer *tiegħu sabiex jagħtih xogħol adegwat u fil-fatt qabad u rriżenja meta l-*employer *tiegħu kien diġà qed jagħmel arranġamenti biex tibagħtu jagħmel xogħol ieħor fl-Atrium.*

*It-Tribunal ma għandu l-ebda dubju illi meta wieħed jiżen il-fatti kollha tal-każ, joħroġ biċ-ċar illi filwaqt illi kemm l-*employer *u l-ħaddiem kellhom xi nuqqasijiet, id-dispożizzjoni għax-xogħol tas-Sur Mohazin Nellikavil Maliyakkal kienet nieqsa għal kollox u dan minkejja l-isforzi li għamel l-*employer *tiegħu, is-soċjetà Let's Sell More, biex tipprovdilu xogħol adattat. Iffaċċjat b'dawn iċ-ċirkostanzi t-Tribunal jista'*

*jiddetermina illi filwaqt illi l-*employer *kien flessibbli u ipprova minn kollox sabiex isib xogħlijiet adattati għas-Sur Maliyakkal, dan mill-ewwel beda b'ċertu attitudni żbaljata u kompla jippersisti fiha sakemm sab ix-xoqqa f'moxtha biex jipprova jinħall mill-kuntratt ta' xogħol definit li kien daħal għalih."*

**L-Appell**

5. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-30 ta' April, 2024, fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka d-deċiżjoni appellata, fis-sens li tilqa' l-eċċezzjonijet tiegħu kif imniżżla fir-risposta tiegħu ippreżentata fis-17 ta' Marzu, 2023. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat bid-deċiżjoni appellata, u dan għaliex fil-fehma tiegħu t-Tribunal naqas milli jikkunsidra l-kwistjoni kif jixraq u skont il-liġi. L-appellant qal wkoll li t-Tribunal naqas milli japprezza dak li sostanzjalment jikkostitwixxi *constructive dismissal,* bir-riżultat li naqas milli janalizza jekk huwa abbandunax l-impjieg tiegħu jew le. Qal li l-appellata fir-risposta tagħha, filli akkużatu b'riżenja mill-impjieg qabel iż-żmien, u filli akkużatu b'abbandun tal-post tax-xogħol, għalkemm fir-risposta tiegħu huwa spjega li ċ-ċirkostanzi li wasslu għat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu, kienu jikkombinaw l-elementi kostituttivi ta' *constructive dismissal.*

6. L-appellant għamel riferiment għad-deċiżjoni NEA/149/2022 mogħtija fl-20 ta' Diċembru, 2022 mill-Awtorità Nazzjonali tax-Xogħol, għalkemm din il-Qorti ma sabet l-ebda kopja ta' din id-deċiżjoni fl-atti, li ddikjarat li l-istqarrija tal-appellata dwar ir-raġuni għat-terminazzjoni tal-impjieg, kienet skorretta, u għalhekk laqgħet it-talba tal-appellant sabiex ir-raġuni tat-terminazzjoni tkun tirrifletti dak li ġara fir-realtà, jiġifieri li ma kienx hemm abbandun tax-xogħol, iżda riżenja. L-appellant saħaq li mill-provi rriżulta li hu ħa d-deċiżjoni li jirriżenja mll-impjieg għaliex huwa ma setax ikompli fir-relazzjoni lavorattiva mal-

appellata wara li safa diskriminat u abbużat verbalment, u l-appellata m'għamlet xejn sabiex tiddefendih. L-appellant qal li t-Tribunal ma tax id-debita konsiderazzjoni lix-xhieda tiegħu dwar il-mod kif huwa safa diskriminat, u huwa ma jistax jaqbel mal-konklużjoni tat-Tribunal, li l-ħajja lavorattiva tiegħu bdiet fuq sieq ħażina. Qal li t-Tribunal donnu wasal għal din il-konklużjoni wara li kkunsidra x-xhieda ta' Tiziana Farrugia, u l-istanza li tagħmel riferiment għaliha fix-xhieda tagħha kienet okkażjoni fejn hu kellu jaqbeż għalih innifsu wara li ma sab l-ebda konfort u appoġġ mill-appellata. Qal li x-xhieda ta' Farrugia kienet tammonta għal dak li ntqal lilha minn terzi, u mhux dak li esperjenzat hija stess.

7. L-appellant qal li kien biss wara li d-diriġenti tal-PAVI Supermarket talbu lill-appellata ma tibqax tassenjah għax-xogħol f'dak l-istabbiliment, li huwa kien intalab jattendi għal laqgħa, u f'din il-laqgħa, minflok ma l-appellata ħadet l-okkażjoni li tisma' l-verżjoni tiegħu dwar id-deċiżjoni li ħadu d-diriġenti ta' PAVI supermarket, il-laqgħa nbidlet f'waħda fejn l-appellant ġie insulentat u abbużat verbalment. Qal li huwa ħa ħsieb jirrekordja din il-laqgħa għaliex kien beżgħan, u elenka xi kummenti li ntqalu waqt din il-laqgħa sabiex jispjega b'liema mod huwa safa diskriminat u abbużat. Qal li kien hemm attitudni xejn dinjituża da parti ta' esponenti tal-appellata meta dawn offrewlu li jaħdem ma' Delicata Winery, li huwa post tax-xogħol fejn huwa ma setax jaħdem minħabba t-twemmin reliġjuż tiegħu. Qal li anki l-offerta ta' xogħol ma' Merlin Library kienet waħda fittizja, hekk kif huwa ntbagħat jagħmel *interview* f'dan il-post tax-xogħol, meta huwa la kellu l-kwalifiki u lanqas l-esperjenza meħtieġa għal dan ix-xogħol. Qal li dak li t-Tribunal qies li kien 'sforz' min-naħa tal-appellata sabiex huwa jingħata impjieg alternattiv mal-istabbiliment Atrium, jikxef l-intenzjoni tal-appellata li timmonta azzjoni għal abbandun tal-post tax-xogħol fil-konfront

tiegħu, u dan għaliex huwa ġie infurmat b'din l-allokazzjoni permezz ta' messaġġ li tħalla fuq il-paġna tal-*Facebook* tiegħu, ġurnata waħda biss qabel ma huwa kellu jirrapporta għax-xogħol fl-imsemmi stabbiliment.

8. L-appellant qal li t-Tribunal naqas milli jikkunsidra ċ-ċirkostanzi kollha li huwa għadda minnhom, jiġifieri li huwa mar għand il-prinċipal tiegħu fejn stenna li jsib protezzjoni u mhux abbuż razzjali, fejn l-allokazzjoni alternattiva offruta lilu f'każ minnhom, ma kinitx tirrispetta t-twemmin reliġjuż tiegħu, u f'każ ieħor huwa ntbagħat jagħmel *interview* meta la kellu l-kwalifiki u lanqas l-esperjenza meħtieġa sabiex jagħmel dak ix-xogħol. L-appellant qal ukoll li f'perijodu ta' żmien li matulu huwa ma kellu l-ebda introjtu għaliex ma kienx qiegħed jaħdem, ntbagħatlu messaġġ fuq *Facebook,* fejn ġie infurmat li l-għada kien mistenni li jibda jaħdem fl-istabbiliment Atrium. L-appellant qal li l-fatti juru li huwa rriżenja mill-impjieg għaliex kienet inkisret il-fiduċja li għandha teżisti bejn il-ħaddiem u l-prinċipal tiegħu, u l-konklużjoni tat-Tribunal li huwa ħa l-okkażjoni sabiex jinħall mill-kuntratt ta' xogħol definit, mhijiex korretta u sorretta mill-provi. Qal li dan kien każ ta' *constructive dismissal,* u kienu l-attitudni u l-atteġġjament tal-prinċipal li wasslu għar-riżenja tiegħu. Qal ukoll li mhux minnu li huwa abbanduna l-impjieg tiegħu, iżda kien aċċetta li jattendi għal laqgħa mal-prinċipal tiegħu, u anki aċċetta li jattendi għal *interview* ma' Merlin Library, minkejja li wara rriżulta li din l-offerta saritlu biss biex jiġi umiljat, għaliex huwa la kellu l-kwalifiki u lanqas l-esperjenza meħtieġa biex jagħmel dak ix-xogħol. Kompla jgħid li huwa spiċċa qatta' ħafna żmien id-dar, mingħajr dħul u mingħajr introjtu, u tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ, iddeċieda li postu ma kienx mal-appellata. Qal li ċ-ċirkostanzi tal-każ juru li huwa ma setax ikompli bil-kuntratt ta' impjieg mal-appellata, u ma kien hemm l-ebda prova, fatt jew

ċirkostanza, li jindikaw li huwa rrifjuta li jattendi fuq il-post tax-xogħol. Qal ukoll li t-Tribunal naqas milli jagħmel analiżi dettaljata tal-kunċett ta' abbandun tal-post tax-xogħol.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

9. L-appellata wieġbet li fl-ewwel lok din il-Qorti għandha tiddikjara li r-rikors tal-appell huwa null, u dan għaliex mir-rikors tal-appell ma jirriżultax jekk l-appellant huwiex qiegħed iressaq aggravju wieħed jew tnejn, u wkoll jekk huwa ħassux aggravat għaliex it-Tribunal qies li dan ma kienx każ ta' *constructive dismissal,* jew jekk l-appellant ħassux aggravat għaliex it-Tribunal naqas milli janalizza jekk huwa kienx abbanduna l-impjieg tiegħu. L-appellata qalet li fil-każ odjern mhuwiex ma tqisx rilevanti illi jiġu mħallta prinċipji ta' *constructive dismissal* u abbandun ta' impjieg, speċjalment meta dan qiegħed isir taħt il-kappa ta' milli jidher aggravju wieħed. Qalet li t-talbiet tagħha kienu limitati sabiex jiġi dikjarat ksur ta' kuntratt ta' impjieg, u sabiex isir il-ħlas ta' nofs is-salarju dovut għall-perijodu rimanenti tat-terminu tal-kuntratt tal-impjieg tal-appellant, u għalhekk dak li kellu jara t-Tribunal kien jekk il-kuntratt ta' impjieg ġiex terminat b'mod prematur għal raġuni valida, u mhux jekk l-impjieg ġiex itterminat minħabba riżenja jew abbandun.

10. L-appellata qalet li l-appell huwa null u mingħajr effett, anki għaliex dan sar bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 82(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, *ai termini* ta' liema id-dritt tal-appell huwa limitat, u jista' jsir biss fuq punt ta' liġi. Qalet li minn qari tar-rikors tal-appell, għandu jirriżulta li l-appell huwa bbażat fuq kontestazzjoni tal-fatti tal-każ kif meqjusa mit-Tribunal, fejn il-Qorti qiegħda tintalab tirrevedi l-provi prodotti sabiex jerġa' jiġi determinat jekk

l-appellant kisirx il-kundizzjonijiet tal-impjieg jew le. Qalet li l-appellant, filwaqt li jinsisti li huwa ġie diskriminat, isostni li t-Tribunal ma tax il-piż li kellu jagħti lix-xhieda tiegħu, filwaqt li jgħid li t-Tribunal ma kellu jagħti l-ebda piż lix-xhieda ta' Tiziana Farrugia. Qalet li filwaqt li l-appellant jagħmel riferiment għal siltiet mid-deċiżjoni tat-Tribunal, jiċċita każistika tar-Renju Unit dwar *constructive dismissal,* u jsostni li kuntrarjament għal dak li kkunsidra t-Tribunal, l-aġir tal-appellata kien jaqa' taħt il-parametri ta' *constructive dismissal,* u għalhekk kien ġustifikat li l-kuntratt tal-impjieg jiġi tterminat qabel iż-żmien. L-appellata qalet li sempliċi applikazzjoni ta' liġi għall-fatti tal-kawża kif rahom f'għajnejh it-Tribunal, irrispettivament minn x'inhuma dawn l-fatti, ma tistax titqies bħala punt ta' dritt, u għalhekk ma tistax tiġi sindakata mill-Qorti tal-Appell, u qalet li għandu jirriżulta b'mod ċar li bl-appell tiegħu l-appellant qiegħed jippretendi li din il-Qorti tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-fatti u tal-provi ppreżentati quddiem it-Tribunal.

11. L-appellata qalet li l-aggravju tal-appellant li t-Tribunal naqas milli japprezza x'jikkostitwixxi *constructive dismissal,* huwa infondat kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt. Spjegat li l-appellant kien ġie impjegat magħha fl-20 ta' Ġunju, 2022 għal perijodu ta' tmintax-il xahar b'kuntratt ta' impjieg definit, u għalhekk dan l-kuntratt ta' impjieg kellu jiskadi fl-20 ta' Diċembru, 2023. Qalet li l-appellant ġie rakkomandat minnha sabiex jaħdem fl-istabbiliment PAVI, fejn kellu jasssisti fil-bejgħ ta' prodotti jew fil-*cash point* tal-imsemmi stabbiliment. Qalet li fl-14 ta' Novembru, 2022, intbagħtet *email* minn Tiziana Farrugia għan-nom tal-istabbiliment, fejn din infurmat lill-appellata li l-appellant wera attitudni negattiva fil-konfront tas-superjuri tiegħu, u għalhekk hija ma xtaqitx li l-appellant jibqa' jintbagħat jaħdem fl-istabbiliment tagħha. L-appellata qalet

li Tiziana Farrugia xehdet ukoll permezz ta' *affidavit,* liema *affidavit* ma ġiex ikkontestat mill-appellant quddiem it-Tribunal. Qalet li fil-15 ta' Novembru, 2022 saret laqgħa dixxiplinarja, fejn l-appellant ġie infurmat bil-komunikazzjoni li kien hemm minn PAVI Supermarket, u ġibditlu l-attenzjoni li l-attitudni tiegħu ma kinitx idonea, u għalhekk huwa kien ser jingħata twissija. L-appellata qalet li waqt din il-laqgħa ġew diskussi *placements* oħrajn fejn l-appellat seta' jintbgħat jaħdem, u minkejja li l-appellant ġie offrut diversi xogħlijiet, huwa m'aċċettax, u meta ntalab jirrapporta għax-xogħol fl-istabbiliment Atrium, l-appellant ma rrappurtax għax-xogħol. L-appellata qalet li fit-23 ta' Novembru, 2022, l-appellant infurmaha li kien fi ħsiebu jirriżenja mill-impjieg, u ladarba kien hemm terminazzjoni prematura tal-kuntratt ta' impjieg, hija pproċediet billi fetħet il-kawża quddiem it-Tribunal.

12. L-appellata qalet li jridu jiġu sodisfatti għadd ta' elementi sabiex jiġi deċiż li kien hemm *constructive dismissal* ta' ħaddiem minn post tax-xogħol, fosthom li kien hemm ksur ċar tal-kuntratt tal-impjieg da parti tal-prinċipal; li n-natura tal-ksur kienet serja li tiġġustifika ir-riżenja tal-impjegat mill-post tax-xogħol tiegħu, u l-impjegat irriżenja minħabba f'dan l-aġir; kif ukoll li l-impjegat ma aċċettax dan il-ksur, fis-sens li ma rriżenjax mix-xogħol ħafna żmien wara li seħħ l-aġir. Qalet ukoll li min jallega jrid jipprova, u minkejja li l-appellant allega diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu, dan naqas milli jipprova b'liema mod huwa ġie diskriminat, u mill-provi, l-unika konklużjoni li seta' jasal għaliha t-Tribunal kienet li l-appellant ma kellux ħeġġa għax-xogħol. L-appellata saħqet li ma kien hemm l-ebda aġir li jista' jikkwalifika bħala diskriminatorju u abbużiv, kif jipprova jagħti l-impressjoni l-appellant. Qalet li filwaqt li l-appellant jgħid li t-Tribunal ma kellux jagħti piż għal dak li xehdet Tiziana Farrugia, għaliex din

tirrapporta dak li qalulha terzi, l-argument tal-appellant ma jreġix għaliex mhux biss ma sarx il-kontro-eżami ta’ Tiziana Farrugia, iżda jirriżulta wkoll li dak li seħħ ġewwa l-istabbiliment PAVI ma ġiex kontestat mill-appellant. Qalet li t-Tribunal ta d-debitu piż lir-*recording* esebit mill-appellant, iżda xorta waħda ma wasalx għall-konklużjoni li l-appellant kien vittma ta’ diskriminazzjoni li kienet tiġġustifika t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu qabel iż-żmien. Qalet ukoll li minn dan ir-*recording* għandu jirriżulta li waqt l-imsemmija laqgħa, hija mill-ewwel bdiet tara xi *placements* alternattivi setgħet toffri lill-appellant, u l-fatt li l-appellant iddeċieda li jirrekordja l-laqgħa, jindika li qabel il-laqgħa l-appellant kien diġà ddeċieda li jirriżenja mill-impjieg. L-appellata qalet li l-appellant kien jaf li hija kienet qiegħda taħdem sabiex issiblu impjieg alternattiv, u anki jekk għall-grazzja tal-argument dan ma kienx laħaq ra l-messaġġ fejn ġie offrut l-impjieg ma’ Atrium, dan ma jiskużax l-għemil tiegħu li qabad u rriżenja mill-impjieg. L-appellata qalet li fi kwalunkwe każ, l-appellant ingħata l-opportunità li jerġa’ jaħsibha dwar ir-riżenja tiegħu, fejn anki intbagħtet *email* minn impjegat tagħha li fiha l-appellant ġie infurmat bil-konsegwenzi legali li kellu jiffaċċja f’każ li jittermina qabel iż-żmien il-kuntratt ta’ impjieg definit. Qalet ukoll li filwaqt li l-appellant jagħti l-impressjoni li huwa ġie dahru mal-ħajt minħabba li qatta’ ġranet mingħajr xogħol u mingħajr dħul, huwa spiċċa mingħajr impjieg minħabba l-attitudni li huwa wera fil-PAVI Supermarket fejn kien jaħdem, u għandu jirriżulta wkoll li l-offerta ta’ impjieg ma’ Delicata, l-intervista ma’ Merlin Libraries, u l-offerta ta’ impjieg mal-istabbiliment Atrium, saru kollha f’temp ta’ ftit ġranet. Qalet ukoll li mhux minnu li l-appellant spiċċa mingħajr dħul, u għandu jirriżulta li l-appellant ma ressaq ebda prova li l-appellata kisret it-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta’ impjieg.

13. L-appellata qalet li irrispettivament minn jekk l-appellant abbandunax ix-xogħol jew irriżenjax, dan huwa irrilevanti għall-fini tat-talba tiegħu, in kwantu jrid jirriżulta li din it-terminazzjoni seħħet qabel iż-żmien maqbul bejn il-partijiet, liema punt ma ġie kkontestat mill-appellant fl-ebda waqt. Qalet li aktar minn analiżi tal-prinċipji ta' riżenja jew abbandun, it-Tribunal kellu jara jekk l-appellant weriex u ressaqx prova adegwata li kien hemm raġuni valida u ġusta a tenur tal-artikolu 36(14) tal-Kap. 452 sabiex jittermina l-impjieg tiegħu, liema eżerċizzju sar mit-Tribunal meta dan evalwa jekk iċ-ċirkostanzi tal-każ jammontawx għal *constructive dismissal.* Qalet ukoll li l-argument li d-deċiżjoni tat-Tribunal mhijiex motivata ma jreġix, għaliex it-Tribunal ta spjegazzjoni sufficjenti biex jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan l-artikolu, u ttratta l-argumenti kollha mressqa mill-partijiet.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

14. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressaq mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellata. Imma fl-ewwel lok, il-Qorti sejra tikkunsidra l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-appellata dwar il-proponibbilità ta' dan l-appell. L-appellata tgħid li r-rikors tal-appell huwa null għaliex minn qari tar-rikors tal-appell, ma jirriżultax ċar jekk l-appellant huwiex qiegħed iqajjem aggravju wieħed jew tnejn, u għalhekk ir-rikors tal-appell u dak li qiegħed jilmenta dwaru l-appellant, ma jirriżultawx b'mod ċar. Fil-fehma tal-Qorti l-aggravju waħdieni mressaq mill-appellant huwa li fil-każ odjern it-Tribunal

naqas milli jikkunsidra l-kwistjoni kif jixraq u skont il-liġi, u minħabba f'dan in-nuqqas, it-Tribunal naqas milli janalizza x'jikkostitwixxi *constructive dismissal,* jew jekk kienx hemm abbandun tal-impjieg min-naħa tal-appellant. Fil-fatt id-difiża tal-appellant għat-talbiet tal-appellata kienet li dan kien każ ta' *constructive dismissal,* u li huwa la rriżenja u lanqas abbanduna l-post tax-xogħol tiegħu, iżda kien kostrett li jitlaq minħabba allegat abbuż u diskriminazzjoni li huwa sofra fuq il-post tax-xogħol tiegħu.

15. Fit-tieni eċċezzjoni mressqa mill-appellata, li abbażi tagħha tikkontendi li r-rikors tal-appell tal-appellant huwa null, jingħad li hemm ksur tal-artikolu 82(3) tal-Kap. 452, għaliex l-appell tal-appellant mhuwiex ibbażat fuq punt ta' liġi, iżda huwa bbażat fuq il-kontestazzjoni tal-fatti tal-każ. Fil-kawża odjerna, l-appellata talbet lit-Tribunal jiddikjara li kien hemm ksur kuntrattwali min-naħa tal-appellant meta rriżenja mill-impjieg wara perijodu ta' sitt xhur minkejja li kien marbut b'terminu kuntrattwali ta' impjieg magħha għal tmintax-il xahar. L-eżami li kellu jsir mit-Tribunal għalhekk kien wieħed limitat għal stħarriġ dwar jekk huwiex minnu li l-appellant kiser din il-klawsola kuntrattwali, u f'każ li jinstab li kien hemm tali ksur, l-appellant kellu jħallas nofs is-salarju li kien ikun dovut lilu għar-rimanenti perijodu tal-kuntratt.

16. Il-Qorti tqis li bid-determinazzjoni tal-vertenza li kellu quddiemu, it-Tribunal ma kellu jagħmel l-ebda stħarriġ ta' xi punt ta' liġi, iżda kellu sempliċement jara l-fatti kif esposti quddiemu, u jasal għal konklużjoni dwar jekk l-appellata kellhiex raġun fil-pretensjonijiet tagħha. Il-każistika ta' din il-Qorti hija ċari dwar il-kompetenza li hija għandha bħala qorti ta' reviżjoni, meta appell isir taħt liġi speċjali li tipprekludi dritt ta' appell għajr fuq punt ta' liġi.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għas-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Matthew Camilleri *vs* Maltapost plc**[1], fejn il-Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> "*Konsiderata l-materja prettament fl-ambitu tal-eċċezzjoni sollevata tan-nullità tal-appell, għandu jiġi osservat illi meta l-vertenza tkun tirrigwarda, bħal ma hekk hu proprju l-każ 'de quo', kwestjoni ta' tkeċċija mingħajr ġusta kawża, id-dritt ta' appell konferit bl-Att XXII tal-2002 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali hu wieħed limitat għal punt ta' liġi (Art. 82(3)).*
>
> *Rigwardata purament taħt dan l-aspett, is-sentenza appellata ma tidhirx li tikkontjeni ħlief ġudizzju tal-provi u l-fehma tat-Tribunal estratta minn dawn il-provi. Jidher bil-wisq evidenti li fiha ma hemm xejn ħlief apprezzament tal-fatti riżultati mill-provi u ċertament fuq din il-bażi s-soċjetà appellanti ma tistax tibbaża l-assunt tagħha tal-appellabilità tad-deċiżjoni. In effetti, kif konċepit, l-appell innifsu jagħmel rikjam għall-istess provi biex minnhom jiddeduċi li t-Tribunal kien skorrett f'dan l-apprezzament tiegħu. Fih ma nsibu l-ebda punt ta' liġi li fuqu jista' jirpoża l-appell iżda sempliċiment konstatazzjonijiet ta' fatti li fuqhom is-soċjetà appellanti tistrieħ biex issostni t-teżi tagħha. Minn dan il-punto di vista s-sentenza appellata, hekk bażata merament fuq apprezzament ta' provi u l-fehma tat-Tribunal dwarhom, ma tistax titqies ċensurabbli minn din il-Qorti. Ċertament, imbagħad, ma kinitx tintitola u tikkompeti lis-soċjetà appellanti dritt ta' appell minnha.*
>
> *Ferma din il-konklużjoni, is-sottomissjonijiet tas-soċjetà appellanti ma jistgħux iservuha ta' vantaġġ għall-akkoljiment tal-appell. Dan għar-raġuni illi dan l-appell, skarn mill-punt ta' liġi, ma jistax ħlief jiġi dikjarat irritu u null."*

17. Din il-Qorti tqis li hija proprju din s-sitwazzjoni li għandha quddiemha. L-appellant ma jissolleva l-ebda punt ta' liġi jew ta' interpretazzjoni ta' liġi sabiex isostni l-appell tiegħu, u jistrieħ sempliċement fuq fatti u provi prodotti quddiem it-Tribunal sabiex isostni li dan huwa każ ta' *constructive dismissal,* u għalhekk huwa kellu raġun jirriżenja mill-impjieg qabel iż-żmien, għaliex iċ-

[1] 06.10.2004.

ċirkostanzi kienu tali li nkisret kull fiduċja li kien hemm bejn il-ħaddiem u l-prinċipal. L-appellant għamel riferiment għall-fatti kif seħħew, sabiex jikkonvinċi lil din il-Qorti li t-Tribunal kien żbaljat meta kkonkluda li huwa beda l-ħajja lavorattiva fuq sieq ħażina, u li mhux minnu li hu ma wera l-ebda ħeġġa għax-xogħol. Iżda l-Qorti għal darb'oħra tirrileva li l-konklużjonijiet tat-Tribunal għal dawk li huma punti ta' fatt huma finali, u ladarba l-appell tal-appellant ma sarx fuq punt ta' liġi dibattut mit-Tribunal jew li dwaru ta deċiżjoni t-Tribunal, l-appell ma jistax jitqies li huwa ammissibbli.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell, billi tiddikjara li r-rikors tal-appell imressaq mill-appellant bħala null stante li ma sarx fuq punt ta' liġi, u għalhekk ma ġiex imħares l-artikolu 82(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, għandhom jitħallsu mill-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**